



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 12 ta' Ġunju 2012
(OR. en)**

11286/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0149 (NLE)**

**EEE 74
BUDGET 19
MI 432**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	12 ta' Ġunju 2012
Nru dok. Cion:	COM(2012) 285 final
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2012) 285 final



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 11.6.2012
COM(2012) 285 final

2012/0149 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar
il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali meħtieġa u l-omoġeneità tas-Suq Intern, il-Komitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni rilevanti kollha tal-UE fil-Ftehim taż-ŻEE malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni tagħha u għandu jippermetti wkoll il-parteċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE tal-EFTA fl-azzjonijiet jew fil-programmi tal-UE li jkunu rilevanti għaż-ŻEE.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Ftehim Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet sabiex jippermetti li jkun hemm parteċipazzjoni kontinwa min-naħa tal-Istati taż-ŻEE tal-EFTA fl-azzjonijiet tal-UE ffinanzjati mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-operat u l-iżvilupp tas-Suq Intern.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li l-Kunsill huwa dak li jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni dwar tali Deċiżjonijiet, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tippreżenta l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE biex il-Kunsill jadottah bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentah lill-Komitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea² ("il-Ftehim taż-ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim, il-Komitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li fost l-oħrajn, jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE fih dispożizzjonijiet u arranġamenti dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet.
- (4) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE fl-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ffinanzjati mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-operat u l-iżvilupp tas-Suq Intern.
- (5) Għalhekk, il-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE għandu jiġi emendat sabiex jippermetti li l-estensjoni ta' din il-kooperazzjoni tkompli għaddejja anke wara l-31 ta' Diċembru 2011.
- (4) Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6 [Mhux disponibbli bil-Malti].

² ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3 [Mhux disponibbli bil-Malti].

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' dak il-Kumitat, meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jistgħu jilħqu ftehim dwar tibdiliet minimi fl-abbozz tad-Deċiżjoni mingħajr ma jkun hemm bżonn li tittieħed xi deċiżjoni ulterjuri min-naħa tal-Kunsill.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

Abbozz

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru

ta'

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE,
dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta'...³.
- (2) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim fl-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-operat u l-iżvilupp tas-Suq Intern.
- (3) Għalhekk, il-Protokoll 31 għall-Ftehim għandu jiġi emendat sabiex jippermetti li din il-kooperazzjoni estiża tkompli għaddejja anke wara l-31 ta' Diċembru 2011,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 7 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. Il-kliem "is-snin 2004, 2005, 2006, 2007, 2008, 2009, 2010 u 2011" fil-paragrafu 6 jiġi sostitwiti mill-kliem "is-snin 2004, 2005, 2006, 2007, 2008, 2009, 2010, 2011 u 2012".
2. Il-kliem "is-snin 2006, 2007, 2008, 2009, 2010 u 2011" fil-paragrafu 7 jiġi sostitwiti mill-kliem "is-snin 2006, 2007, 2008, 2009, 2010, 2011 u 2012".
3. Il-kliem "is-snin 2008, 2009, 2010 u 2011" fil-paragrafu 8 jiġi sostitwiti mill-kliem "is-snin 2008, 2009, 2010, 2011 u 2012".

³ ĠU L ...

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim*.

Hija tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsimha taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, .

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

*Is-Segretarji
tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*

[Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali .] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]